# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru: 10**

**Rikors Maħluf Numru 255/2020 NC**

**Birdlife Malta V.0. 0052**

**vs.**

**Prim Ministru;**
**Ministru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar;**
**u**
**Ministru għal Għawdex**

Illum 10 ta' Marzu 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-organizzazzjoni attriċi Birdlife Malta ppreżentat fit-30 ta' April 2020 (*a fol.* 1 *et seq.*) li jgħid hekk:

> *"1. Illi bil-ħatra tal-kabinett il-ġdid f'Jannar ta' 2020 ir-responsabilita' tal-infurzar tal-Kap. 549 tal-Ligijiet ta' Malta ġiet assenjata lil Ministru għal Għawdex meta l-Att dwar il-*

*Protezzjoni tal-Ambjent jirrikonoxxi biss lil Ministru għal-Ambjent bħala l-persuna risponsabbli.*

*2. Illi dan l-aħħar ġie mħabbar li l-Ministru għal Għawdex se ikun responsabbli fost oħrajn tal-"Wild Bird Regulations Unit" u dan meta skont il-liġi l-persuna responsabbli għal regolamenti hawn fuq imsemmija huwa l-Ministru għal Ambjent.*

*3. Illi Kap. 549 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent) espressament jistipola, fl-istess att, li meta issir riferenza għal Ministru dan huwa riferenza għal Ministru responsabbli għal Ambjent (Artikolu 2 ta' l-istess att).*

*4. Illi minkejja dan u minkejja protest preżentat mill-esponent, dan l-aħħar il-Ministru għal Għawdex b'mod ultra vires ħareġ liċenzji għal kaċċa meta huwa biss il-Ministru responsabbli għal Ambjent li għandu l-poter legali sabiex joħroġ tali liċenzji.*

*5. Huwa biss l-Ministru tal-Ambjent li għandu vesti uffiċjali skond il-liġi sabiex jaġixxi u joħroġ liċenzji għal kaċċa kif fuq imsemmi.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti:*

*(1) issib li d-deċiżjoni tal-intimati jew ta' min minnhom li joħorġu il-liċenzja għal kaċċa huwa ultra vires peress li sar bi ksur tal-liġi;*

*(2) tordnalhom jew lil min minnhom sabiex jirrevokaw il-liċenzji li ħarġu b'vjolazzjoni tal-liġi u*

*(3) tagħti kull provvediment u direttiva li jidhrilha xierqa u opportuna.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti l-Prim Ministru, Ministru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, u Ministru għal

Għawdex (*a fol.* 13 *et seq.*) ippreżentata fis-27 ta' Mejju 2020 fejn jingħad hekk:

*"Illi l-esponenti qegħdin iressqu s-segwenti eċċezzjonijiet illi qegħdin jingħataw strettament mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

*1. Illi in linea preliminari, il-Prim Ministru mhuwiex leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna;*

*2. Illi in linea preliminari l-esponenti jeċepixxu l-improponibilita' tal-kawża odjerna u dan peress illi mill-mod kif inhu redatt ir-rikors promotur ma jirriżultax x'tip ta' kawża qegħda tipproponi r-rikorrenti;*

*3. Illi in linea preliminari wkoll l-esponenti jeċepixxu illi r-rikorrenti m'għandiex l-interess ġuridiku neċessarju sabiex tistitwixxi l-kawża odjerna;*

*4. Illi kemm il-darba l-Qorti ssib li din il-kawża hija ppernjata fuq l-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti jeċepixxi illi din l-azzjoni ma setgħetx titressaq mir-rikorrenti u dan peress illi d-deċiżjoni illi minnha qegħda tilmenta r-rikorrenti mhijiex deċiżjoni illi ttieħdet wara talba li saret minn naħa tagħha u għalhekk l-egħmil amministrattiv li qed jintalab li jiġi mistħarreġ mhuwiex egħmil amministrattiv magħmul fil-konfront tar-rikorrenti;*

*5. Illi <u>fil-mertu</u> ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kap. 12, jiġi dikjarat illi l-fatti dikjarati mis-soċjeta' rikorrenti qed jiġu kkontestat u jeħtieġ illi jiġu pruvati;*

*6. Illi l-esponenti jeċepixxu illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*7. Illi l-liċenzji mertu tal-każ odjern ma nħarġux mill-Ministru għal Għawdex kif allegat mir-rikorrenti;*

*8. Illi minn qari tar-regolamenti viġenti jirriżulta illi l-liġi ma tagħtix il-funzjoni tal-ħruġ tal-liċenzji lil Ministru tal-Ambjent*

*iżda skont il-liġi, din il-funzjoni tispetta b'mod esklussiv lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi;*

*9. Illi l-liċenzji mertu tal-każ odjern inħarġu mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi kif titlob il-liġi u għaldaqstant ċertament illi din id-deċiżjoni ma kienitx ultra vires kif allegat mir-rikorrenti;*

*10. Illi ma hemm ebda raġuni valida fil-liġi għaliex il-liċenzji mertu tal-każ odjern għandhom jiġu revokati;*

*11. Illi fi kwalunkwe każ, l-esponenti dejjem aġixxew korrettement skont il-liġi u fil-parametri imposti mill-liġi u għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda;*

*12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat illi, fis-seduta tat-30 ta' Ġunju 2020 (*a fol.* 17), il-Qorti diversament preseduta ddireġiet lill-partijiet sabiex jitrattaw l-ewwel erba' eċċezzjonijiet eċċepieti mill-konvenuti, li kienu ta' natura preliminari.

Rat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Marzu 2021 (*a fol.* 94 *et seq.*) fejn:

- ġiet milqugħa l-ewwel (1) eċċezzjoni preliminari u b'hekk il-konvenut Prim Ministru ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

- ġew miċħuda t-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) eċċezzjoni preliminari.

Semgħet ix-xhieda u rat l-affidavits ippreżentati mill-partijiet.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ippreżentata mill-organizzazzjoni attriċi fid-9 ta' Diċembru 2021 (*a fol.* 172 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ippreżentata mill-konvenuti Ministru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, u Ministru għal Għawdex fil-25 ta' Frar 2022 (*a fol.* 183 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għax-xiehda u għad-dokumenti saljenti li ġew mismugħa u preżentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni u li jirrigwardaw din is-sentenza finali.

Illi, fl-14 ta' Settembru 2020, ġie ppreżentat affidavit ta' **Richard Lia** (*a fol.* 19) fejn filwaqt li qal li huwa jokkupa l-kariga ta' Kap tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u li kien ilu jokkupa din il-kariga minn Marzu 2018, qal ukoll li l-kawża odjerna titratta l-liċenzji speċjali tal-kaċċa għas-summien fir-rebbiegħa 2020. Jikkonferma li l-applikazzjonijiet għal-liċenzja speċjali tal-kaċċa fir-rebbiegħa 2020 ġew milqugħa mit-12 ta' Marzu 2020 sad-19 ta' Marzu 2020 u li l-istaġun fis-sena 2020 kien miftuħ mill-10 ta' April 2020 sat-30 ta' April 2020 u li l-validita' tal-liċenzji kienet għal dawn il-ġranet imsemmija, minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa nofsinhar. Jgħid li n-numru ta' liċenzji maħruġa kien ta' ħamest elef, tmien mija u tlieta (5,803). Eżebixxa kopja ta' waħda mil-liċenzji hekk kif maħruġa (Dok. "RL1" – *a fol.* 20 *et seq.*).

Illi, fit-13 ta' Novembru 2020, ġie ppreżentat affidavit ta' **Mark Sultana** (*a fol.* 29 *et seq.*) fejn beda billi qal li kien ilu jokkupa l-kariga ta' Kap Eżekuttiv ta' Birdlife Malta minn Novembru 2015. Jgħid li minħabba li l-Att tal-Protezzjoni tal-Ambjent (Kapitolu 549 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-Liġijiet Sussidjarji li jemanaw minnu jirreferu għall-Ministru għall-Ambjent bħala l-amministratur ewlieni ta' kwalunkwe qafas u azzjoni relatata magħhom, meta l-Prim Ministru assenja t-Taqsima għar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi lid-dekasteru tal-Ministeru għal Għawdex huwa mar kontra l-ispirtu tal-liġi b'mod partikolari l-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta. Jisħaq li l-fatt li t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi qiegħda tiffunzjona

taħt u tirraporta lill-Ministeru għal Għawdex imur kontra l-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li fis-17 ta' Jannar 2020 kiteb ittra lill-Prim Ministru sabiex it-Taqsima għar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u l-Kumitat Ornis jinżammu taħt il-Ministeru għall-Ambjent. Jispjega l-iter ta' kif seħħew l-avvenimenti li wasslu sabiex kemm it-Taqsima għar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi kif ukoll il-Kumitat Ornis tpoġġew taħt id-dekasteru tal-Ministeru għal Għawdex u l-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet in kwistjoni, kopja ta' liema korrispondenza ġiet annessa mal-affidavit. Jispjega kif Birdlife Malta għamlet kwerela lill-Kummissjarju tal-Pulizija fejn infurmatu li l-liċenzji tal-kaċċa kienu illegali u li t-tweġiba kienet li l-Pulizija ma kellha l-ebda poter taġixxi f'dan ir-rigward. Ikompli jispjega li l-liċenzji tal-kaċċa tar-rebbiegħa tas-sena 2020 inħarġu fuq il-*letterheads* tal-Ministeru għal Għawdex permezz tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (Dok. "J" – *a fol.* 66 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2021, xehed **Mark Sultana** (*a fol.* 145 *et seq.*) fejn, filwaqt li jikkonferma l-kariga tiegħu ta' Kap Eżekuttiv ta' Birdlife Malta, jispjega għalfejn saret din il-kawża u jgħid kif il-qafas tal-liġi ambjentali huwa l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kapitolu 549 tal-Liġijiet ta' Malta) li minnu toħroġ il-Leġislazjoni Sussidjarja 549.42 (Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi). Jixhed li l-liġi tfisser it-terminu "Ministru" bħala l-Ministru tal-Ambjent u li d-definizzjoni tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi bħala dik li hija stabbilita fi ħdan il-Ministeru responsabbli għall-ambjent. B'hekk skont hu, id-deċiżjonijiet li ttieħdu mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi jew kwalsiasi Ministru ieħor relatata mal-liġi in kwistjoni ma għandhomx saħħa legali. Jgħid li meta saret il-liġi, il-ħsieb kien li kellu jkun il-Ministru responsabbli għall-ambjent li kellu jieħu ħsieb l-affarijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' l-għasafar. Jispjega li kull darba li għamlu talba lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi din kienet qiegħda tiġi riferuta lill-Ministeru għal Għawdex. Jispjega wkoll li ġie ppreżentat abbozz ta' Liġi quddiem il-Parlament fejn, skont ix-xhud, l-unika ħaġa ta' rilevanza li qed titbiddel hija d-definizzjoni tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi. F'dan

ir-rigward eżebixxa estratt mill-abbozz (Dok. "MS 1" – *a fol.* 150 *et seq.).* Jispjega x'inhu r-rwol tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi fis-sens illi l-entita' hija suppost miftuħa mhux biss għall-kaċċa u l-insib biss, iżda hija responsabbli għad-derogi kollha li jkun hemm bżonn minħabba kwistjonijiet xjentifiċi.

In kontro-eżami jispjega li l-*expertise* tiegħu huwa fl-immaniġġjar u mhux fil-liġi. Mitlub jikkonferma jekk il-kawża odjerna nfetħitx għax jixtieq deċiżjoni dwar jekk it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għandhiex tibqa tiffunzjona taħt il-Ministeru għal Għawdex, wieġeb fl-affermattiv.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2021, xehed ukoll **Darryl Grima** (*a fol.* 153 *et seq.*) fejn qal li huwa President ta' Birdlife Malta. Jirreferi għall-abbozz li hemm quddiem il-Parlament fejn skont huwa l-unika ħaġa ta' sustanza li ħa tinbidel huwa l-Ministru responsabbli biex jieħu ħsieb il-kaċċa u nsib. Jispjega li skont il-liġi eżistenti, il-liġi tgħajjat lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u li din suppost taqa' taħt id-dekasteru tal-Ministru għall-Ambjent. Jispjega kif indunaw li l-Prim Ministru kien ser jgħaddi t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u l-kaċċa u l-insib lil Onor. Ministru Clint Camilleri li kien il-Ministru għall-Agrikoltura u li ma kienx responsabbli għall-ambjent u li b'hekk kitbu lill-Prim Ministru dwar dan u ħarġuha wkoll fil-*media* u li minkejja dan, l-appell tagħhom ġie njorat. Jixhed li hekk kif wasal l-istaġun tal-kaċċa fis-sena 2020, it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi ħarġet il-liċenzji fuq il-*letterheads* tal-Ministeru għal Għawdex minflok il-Ministeru għall-Ambjent u, skont hu, il-kaċċaturi ħarġu għall-kaċċa awtorizzati mill-Ministru għal Għawdex li ma kellux il-poter. Għamel riferenza għall-kwerela li saret minnhom lill-Kummissarju tal-Pulizija li swiet għalxejn.

In kontro-eżami kkonferma li, għajr il-kawża odjerna fuq din il-kwistjoni, ma ressaq l-ebda kawża oħra.

Illi, fid-29 ta' Settembru 2021, ġie pprezentat affidavit ieħor ta' **Richard Lia** (*a fol.* 159) fejn qal li ilu jokkupa l-kariga ta' Kap tat-

Taqsima għar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi minn Marzu 2018 u li din it-taqsima hija responsabbli sabiex timplimenta d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Ewropea 2009/147. Jgħid li l-proċess għall-ħruġ tal-liċenzji tal-kaċċa ma jsirx minn Ministeru jew Ministru partikolari iżda jsir esklussivament mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi. Jispjega l-proċess li jintuża sabiex tinħareġ il-liċenzja u ċioé li huma jagħmlu kuntatt ma' dawk li għandhom liċenzja valida u jinfurmawhom meta għandhom japplikaw. Jgħid li t-tul l-qadi tal-funzjonijiet relatati mal-ħruġ tal-liċenzji speċjali tal-kaċċa fir-rebbiegħa, id-dekasteru ta' Ministru fl-ebda mod ma jinfluwenza l-ħidma tat-Taqsima. Ikompli jgħid li kemm ilu f'din il-kariga, l-ebda Ministeru jew Ministru qatt ma ħareġ din il-liċenzja u li dejjem kienet it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi li kienet responsabbli għall-ħruġ ta' kwalunkwe liċenzja. Jixhed li d-dikjarazzjoni dwar deroga għal staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa 2020 għas-summien inħarġet mill-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, flimkien mal-Ministru għal Għawdex u wara konsultazzjoni mal-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi. Eżebixxa Avviż Legali 140 tas-sena 2020 (Dok. "RL 1" – *a fol.* 160 *et seq.*) in sostenn ta' dan. Jgħid li kien bis-saħħa ta' din id-dikjarazzjoni dwar id-deroga li mbagħad it-Taqsima aċċettat l-applikazzjonijiet u ħarġet il-liċenzji speċjali li qed jiġu kontestati fil-kawża odjerna. Jixhed li l-ebda Ministru jew Ministeri ma kellhom involviment fil-ħruġ tal-liċenzji speċifiċi u li ma kien hemm l-ebda aġir *ultra vires* u li kull liċenzja kienet iffirmata minnu stess fil-kwalita' tiegħu bħala Kap tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.

In kontro-eżami, li sar fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2021 (*a fol.* 165 *et seq.*), qal li f'Jannar 2020 ittieħdet deċiżjoni li t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi tgħaddi taħt il-Ministeru għal Għawdex u li huwa jirrispondi lill-Ministeru għal Għawdex. Jikkonferma li kif inhi l-liġi huwa l-Ministru għall-Ambjent li huwa responsabbli għall-ambjent. Jispjega l-proċess ta' konsultazzjoni li jkun hemm bżonn sabiex jinfetaħ l-istaġun tal-kaċċa u jgħid li huwa jikkonsulta mal-Kumitat Ornis u dan ta' l-aħħar joħroġ ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Ministru dwar x'għandu jsir. Jispjega wkoll li f'Diċembru 2019 ikkomunika mal-Ministru għall-Ambjent peress li kien jaqa' taħtu u li minn Jannar

2020 huwa kkomunika mal-Ministru għal Għawdex u li ġie wkoll kkuppjat il-Ministru għall-Ambjent sabiex dan ikun jaf bir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ornis. Mistoqsi dwar korrispondenza li saret mal-Birdlife Malta (*a fol.* 45), jikkonferma li huwa semma biss lill-Ministru għal Għawdex mentri fil-verita' il-liġi ġiet iffirmata mill-Ministru għall-Ambjent u mill-Ministru għal Għawdex.

In ri-eżami ikkonferma li Avviż Legali 140 tas-sena 2020 (Dok. "RL 1" – *a fol.* 160 *et seq.*) huwa deroga għal kaċċa fir-rebbiegħa fl-2020. Jgħid li din ħarġet mill-Ministeru għall-Ambjent u mill-Ministeru għal Għawdex. Jixhed li l-unika entita' li toħroġ il-liċenzji hija t-Taqsima għar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u li ma jkollu l-ebda direzzjoni minn Ministru jew xi Ministeru partikolari.

Ikkonferma li l-liċenzji speċjali ħarġu fuq il-*letterheads* tal-Ministeru għal Għawdex minħabba l-fatt li f'Jannar 2020 id-deċiżjoni kienet illi t-Taqsima tgħaddi taħt il-Ministeru ghal Għawdex u, la nbidel il-Ministeru, ħarġu l-*letterheads* taħt il-Ministeru l-ġdid. Jgħid li kien huwa fil-kapaċita' tiegħu bħala Kap tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi li ffirma l-liċenzji.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kawża odjerna ġiet imnedija mill-organizzazzjoni volontarja Birdlife Malta fejn tikkontesta l-ħruġ tal-liċenzji tal-kaċċa għas-sena 2020. L-ilment ta' l-organizzazzjoni attriċi huwa li meta l-Prim Ministru ddeċieda d-dekasteri f'Jannar 2020 huwa alloka mad-dekasteru tal-Ministeru għal Għawdex it-Taqsima għar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi. Skont l-organizzazzjoni attriċi dan ma kienx legalment ġustifikat minħabba li din it-Taqsima kellha taqa' taħt id-dekasteru tal-Ministru responsabbli għall-ambjent. Dan kien ifisser, skont l-organizzazzjoni attriċi, li meta nħarġu l-liċenzji tal-kaċċa fis-sena 2020 dawn inħarġu minn Ministru li ma kellux l-awtorita' legali li jwettaq din l-azzjoni amministrattiva. In vista ta' dan, l-organizzazzjoni attriċi talbet lil din il-Qorti tiddeċiedi li d-deċiżjoni tal-konvenuti jew min minnhom li joħorġu l-liċenzji sar bil-ksur tal-

liġi b'konsegwenza li din il-Qorti tordnalhom sabiex jirrevokaw il-liċenzji in kwistjoni.

Illi, da parte tagħhom, il-konvenuti wieġbu li l-liċenzji in kwistjoni nħarġu mit-taqsima nkarigata bil-liġi, ċioé it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u li ma kien hemm ebda irregolarita' fil-proċess. Il-konvenuti wieġbu wkoll li ma hemmx xi forma ta' *template* li fuqha jinħargu l-liċenzji u għalhekk il-fatt li l-liċenzji nħarġu fuq il-*letterheads* tal-Ministeru għal Għawdex ma jfisser xejn.

Illi ladarba ġew stabbiliti l-punti t'hawn fuq, il-Qorti sejra tagħmel il-konsiderazzjoni tagħha dwar it-talbiet hekk kif imressqa mill-organizzazzjoni attriċi.

**L-Ewwel (1) Talba**
**(Id-deċiżjoni tal-konvenuti jew ta' min minnhom li joħorġu liċenzja għal kaċċa huwa *ultra vires* peress li sar bi ksur tal-liġi):**
Illi meta wieħed jitkellem li deċiżjoni li ttieħdet minn awtoritajiet governattivi hija *ultra vires*, wieħed jifhem li tali azzjoni tista' tkun ittieħdet minn awtorita' li ma kellhiex il-jedd legali li twettaq dak l-egħmil amministrattiv. Dan jinsab rifless f'numru ta' sentenzi u f'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Manwel Vella vs. L-Kummissjoni għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp** mogħtija fit-28 ta' Ottubru 2002 (Appell Ċivili Numru 15/2001/1), fejn il-Qorti tal-Appell Ċivili (Inferjuri) spjegat is-segwenti:

> "Illi kif qalet din il-Qorti fis-sentenza odjerna "**Mario Camilleri vs. Kummissjoni Għall-Kontroll ta' l-Iżvilupp**": *"fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan kollu irid jinqara fil-kuntest tal-artikolu 15 (1) tal-Kap 356, għaliex din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell taħt l-istess Att, għandha l-ġurisdizzjoni limitata għal dak li jipprovdi l-istess Att, u s'intendi l-kompetenza tagħha hija hekk ristretta skond it-termini preċiżi tal-liġi. Ċertament għalhekk li ma huwiex fil-kompetenza tal-Qorti kif kostitwita u bħala Qorti tat-tieni jekk mhux tielet Istanza li tidħol fil-kamp ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, stante li dan huwa regolat b'regoli u dispożizzjonijiet preċiżi li llum ġew promulgati permezz tal-*

*artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, w in partikolari w in konsistenza mal-mertu tal-appell odjern, dan jirreferi wkoll għall-kunċett ta' "meta egħmil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni" imsemmija fl-artikolu 469A (1) (b) tal-Kap. 12.*

*Illi fil-kamp ta' l-istħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, li jaqa' taħt l-istitut ta' liġi amministrattiva, l-kompetenza oriġinali tispetta lill-Qrati Ordinarji, u l-kunċett ta' ultra vires, anke kif definit fl-artikolu fuq ċitat, huwa ferm iktar wiesgħa minn applikazzjoni ħażina jew non applikazzjoni ta' liġi, tant li jista' jikkomprendi, per eżempju, abbuż ta' setgħa ta' awtorita' pubblika, li fih innifsu ma jimportax ksur ad hoc jew per se ta' dispożizzjoni ta' ligi 'ut sic"".*

Illi, meħud dak li ngħad in konsiderazzjoni, il-Qorti ser tibda l-istħarriġ tagħha fir-rigward tal-kawża odjerna billi tara min għandu l-jedd li joħroġ il-liċenzji tal-kaċċa u konsegwentement jekk il-mod ta' kif inħarġu huwiex konformi mal-liġi.

Illi f'dan ir-rigward, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet (*a fol.* 183 *et seq.*) tagħhom, il-konvenuti:

- jirreferu għall-fatt li l-organizzazzjoni attriċi ssemmi r-Regolament 11(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta li jistabbilixxi li t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi għandha r-responsabilita' li timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ornis u tal-Ministru, li skont il-konvenuti dan jirreferi għad-deċiżjoni tal-ftuħ tal-istaġun u għalhekk ma għandu l-ebda rilevanza mal-ħruġ tal-liċenzji;

- jargumentaw li l-ħruġ tal-liċenzja hija funzjoni esklussiva tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u l-Ministeru in kwistjoni ma għandu l-ebda influenza u li f'dan il-kuntest taħt liema dekasteru taqa' it-Taqsima msemmija ma għandu l-ebda rilevanza;

- jargumentaw ukoll li kif jinqasmu d-dekasteri hija kompetenza esklussiva tal-Eżekuttiv u li l-President ta' Malta jaġixxi taħt id-

direzzjoni tal-Prim Ministru skont ma jipprovdi Artikolu 82 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għal Regolamenti 11(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi hija responsabbli mill-ħruġ tal-liċenzi skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-Kummissarju jista', fuq bażi ta'ordni pubbliku u, jew, liġi u żamma tal-ordni, jinforma lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, li persuna m'għandiex tinħarġilha liċenża." [emfażi miżjuda]

Illi l-Qorti tagħmel riferenza wkoll għal Regolament 12(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra l-ebda persuna m'għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu b'kull mezz li jkun xi għasfur kif permess skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx fil-pussess ta' liċenzja valida skond ma tkun tapplika, maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, u dik il-persuna tkun tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenzja u f'kull liġi oħra." [emfażi miżjuda]

Illi, anke minn qari superfiċjali ta' dawn is-sub-Regolamenti hawn fuq kwotati jirriżulta b'mod paċifiku li l-unika entita' li għandha l-jedd li toħroġ il-liċenzja tal-kaċċa hija t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi. Il-Kumitat Ornis jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar jekk għandux jinfetaħ l-istaġun tal-kaċċa. Għalhekk, fuq dawn il-punti, il-Qorti tagħti raġun lill-konvenuti.

Illi, minn kopja ta' waħda mil-liċenzji maħruġa (Dok. "RL 1" – *a fol.* 20) u li ġiet eżebita mal-affidavit ta' Richard Lia, jirriżulta li l-liċenzji tal-kaċċa għas-sena 2020 ħarġu mit-"Taqsima tar-

Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi". Il-fatt li dawn inħarġu fuq *letterhead* tal-Ministeru għal Għawdex ma jfissirx li nħarġu mill-istess Ministeru. Tant huwa hekk li l-liċenzja ġġib il-firma ta' Richard Lia li huwa l-Kap tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u ma ġġibx il-firma tal-Ministru għal Għawdex.

Illi ġialadarba t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi ma hijiex parti fil-kawża, għalhekk il-Qorti ma tistax tiddeċiedi li l-konvenuti ħarġu l-liċenzji tal-kaċċa b'mod *ultra vires stante* li huma ma ħarġux tali liċenzji!

Illi b'hekk isegwi li l-Qorti ser tiċħad l-ewwel (1) talba tal-organizzazzjoni attriċi hekk kif kontenuta fir-Rikors Maħluf tagħha.

**<u>It-Tieni (2) Talba</u>**
**<u>(Revoka tal-liċenzji)</u>:**
Illi f'din it-talba l-organizzazzjoni attriċi titlob li l-Qorti tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex jirrevokaw il-liċenzji li ħarġu bi vjolazzjoni tal-liġi.

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fir-rigward tal-ewwel (1) talba, il-Qorti tirrileva li, kieku kienet f'pożizzjoni li tirrevoka l-liċenzji in kwistjoni, hija ma tistax tirrevoka l-liċenzji minħabba li dawn ma għadhomx fis-seħħ. Jirriżulta mill-affidavit (*a fol.* 19) ta' Richard Lia (Kap tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi) li l-validita' tal-liċenzji speċjali kienu mill-10 ta' April 2020 sat-30 ta' April 2020 u li l-validita' ta' dawn il-liċenzji skadiet fit-30 ta' April 2020 f'nofsinhar.

Illi, għajr għal dak li għadu kemm ingħad, il-Qorti tinnota li ġialadarba l-liċenzji tal-kaċċa ma nħarġux mill-konvenuti, it-talba in eżami ma tistax tintlaqa' u b'hekk it-tieni (2) talba ser tiġi miċħuda wkoll.

**<u>It-Tielet (3) Talba</u>**
**<u>(Jingħata kull provvediment u direttiva xierqa u opportuna)</u>:**
Illi ma tantx hemm wisq x'jingħad dwar din it-talba għajr li ser tiġi miċħuda *stante* li ser jiġu miċħuda l-ewwel żewġ talbiet.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet enumerati bin-numri ħamsa (5) sa ħdax (11) hekk kif dedotti fir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti, tiċħad it-talbiet kollha tal-organizzazzjoni attriċi Birdlife Malta.

Finalment, tordna li l-ispejjeż kollha marbuta ma' din is-sentenza finali għandhom jitħallsu mill-organizzazzjoni attriċi Birdlife Malta. Fir-rigward tal-ispejjeż marbuta mas-sentenza preliminari mogħtija fit-18 ta' Marzu 2021 dawn għandhom jitħallsu mill-konvenuti l-Ministru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, u l-Ministru għal Għawdex.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**